



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 11 ta' Ġunju 2012 (12.06)
(OR. en)**

10905/12

LIMITE

FISC 78

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Coreper/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) tal-4 ta' Ġunju 2012 id-delegazzjonijiet qablu dwar ir-rapport tal-Grupp lill-Kunsill kif jinsab fid-dok. 10903/12 FISC 77 u l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġej:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi matul il-Presidenza Daniża kif imniżżel fir-rapport tiegħu (dok. 10903/12 FISC 77);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tat-treġġiġh lura (rollback) kif ukoll il-ħidma tiegħu taħt il-Pakkett ta' Ħidma tal-2011;

- jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tintensifika d-diskussjonijiet mal-pajjiżi terzi bil-għan li tapplika l-prinċipji u l-kriterji kollha tal-Kodiċi kif imniżżel fir-Rapport tal-Grupp u biex iżżomm lill-Grupp regolarment informat dwar il-progress;
- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Ċiprijotta jipprovdi lill-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 10903/12 FISC 77) flimkien mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dan l-abbozz ta' konklużjonijiet bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu;
